MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2013

SEDUTA NUMRU 31

IT-TLIETA 19 TA' APRIL 2011 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Il-minuti tas-Seduta 30 li saret fl-24 ta' Marzu 2011 ittieħdu bħala moqrija.

ii Is-Sindku pproponiet li dawn jiġu approvati. Il-Kunsillier F. Roe ssekonda. Dawn ġew approvati nem con.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M. Pisani.

## II PUNTI MILL- MINUTI

i Dwar l-iskema ta' manutnezjoni fuq l-oqsma tal-Bini tal-Gvern is-Sindku nfurmat li ġie ffirmat il-kuntratt bejn l-Awtorita' tad-Djar u l-Kunsill. Is-Sindku rrappurtat li l-Kunsill irid immedjatament jinforma lill-Awtorita' bl-ewwel blokki li se ssirlhom il-manutenzjoni. Hija nfurmat li sbatax-il blokk ta' flats ħatru Amministratur. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li saret laqgħa għar-residenti tal-blokki li għadhom ma ħatru lil ħadd biex tispjegalhom l-importanza ta' din il-kariga peress li 'l quddiem irid isir ftehim dwar iż-żamma tal-flats bejn l-Amministratur u l-Awtorita' tad-Djar.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż unanimament li dawn is-sbatax-il blokk ikunu dawk magħżula biex issirlhom il-manutenzjoni din is-sena u s-sena d-dieħla. Is-Sindku qalet li fil-laqgħa li saret għall-Amministratturi dawn ġew mitluba jindikaw ix-xogħlijiet meħtieġa fil-blokk tagħhom biex minnhom il-perit jagħżel l-ewwel sebgħa blokki li huma prijorita' biex din is-sena jinbdew ix-xogħlijiet fuqhom. Is-Sindku nfurmat ukoll li ġiet mgħotija template tal-ispeċifikazzjonijiet biex issir sejħa għall-offerti. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li wieħed jista' japplika għax-xogħlijiet kollha jew għall-parti minnhom. Il-Kunisll qabel ukoll li l-miżata tad-dokument tat-tender ikun ta' Euro 50.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

II PUNTI MILL- MINUTI (… ikompli)

ii Is-Sindku rreferiet għall-proġett dwar ir-riġinerazzjoni ta' l-oqsma madwar il-bini tal-Gvern. Hija nfurmat li se ssir laqgħa mal-Perit dwar dan.

iii Il-Kunsill ġie nfurmat bl-aħħar żviluppi dwar il-proġett tal-photovoltaic panels. Is-Sindku qalet li saret spezzjoni mill-Perit tal- Estate Management Dept u wara ntbgħatet ittra ta' approvazzjoni. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-Enemalta għada ma bgħatitx uffiċċjal biex jaqra l-arloġġ tad-dawl biex isir l-aħħar pagament attwali u b'hekk tkun tista' tiġi proċessata l-applikazzjoni biex dan l-arloġġ jiċċaqlaq. Il-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jagħmel kuntatt ma' l-Enemalta dwar din il-materja biex jitħaffef il-proċess. Il-Kunsill talab li l-ittra ta' oġġezzjoni tintbgħat lill-Onor. T. Fenech u C. Said kif ukoll lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat li fil-Bye Law dwar il-korsijiet irid ikun hemm indikat l-ammont tal-flus allokat għal kull kors. Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għall-Bye Law ta' Ħal-Kirkop li hija simili għal dak li qed jitlob il-Kunsill, liema dokument diġa' ġie ċċirkulat lill-Kunsillieri. Hija qalet li jekk il-Kunsill jaddotta Bye Law li diġa' hija in vigore il-proċess ikun ferm iqsar. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u l-Kunsillier E. Muscat ippropona li l-Kunsill jaddotta din il-Bye Law. Is-Sindku ssekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

v Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li għad m'hemm l-ebda informazzjoni mit-Transport Malta dwar l-un/loading bay fi Triq A. Rigord kif ukoll dwar id-diversi materji oħra li huma pendenti fosthom l-approvazzjoni tal-one way system. Il-Kunsill ġie nfurmat li nkitbet ittra lit-TM dwar dan fejn ingħad li jekk ma tingħatax risposta fi żmien ġimgħa dwar dawn il-pendenzi, l-Kunsill se jimplimenta dawk l-applikazzjonijiet fejn hemm periklu għall-pubbliku.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## II PUNTI MILL- MINUTI (… ikompli)

**vi** Dwar l-istat tal-kolonni u l-ħadid li hemm fil-Marina u Fuq ir-Rampa is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit għadu ma ppreżentax ir-rapport.

vii Il-Kunsill ġie nfurmat li nkitbu diversi ittri dwar il-possibilta' ta' ġemellaġġ ma Kunsili fir-Renju Unit. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ssir riċerka wkoll fil-Bulgaria.

viii Is-Sindku rreferiet għal-Program IEE (Intelligent Energy Europe). Hija nfurmat li l-kordinazzjoni ta' dan il-proġett qed issir mill-AKL peress li din l-Assoċjazzjoni qed tikoordina wkoll il-Patt tas-Sindki.

**ix** Is-Sindku rreferiet għax-xogħlijiet ta' bankini li ġew approvati mill-Kunsill fl-aħħar laqgħa. Hija nfurmat li ntalab ukoll li ssir manutenzjoni tal-bankina fi Triq ix-Xatt (ħdejn il-Mamma Mia) peress li din hija għolja ħafna u mhux aċċessibli. Il-Kunsill qabel ma dan. Hija qalet li l-prezz għas-servizz tal-Kuntrattur huwa ta' Euro1164. Il-Kunsill qabel li dawn isiru mmedjatament peress li huma ferm urġenti.

x Il-Kunsillier F. Roe ppreżenta lista ta' tabelli tat-traffiku li ghandhom bżonn jinbiddlu. Huwa qal li minn din il-lista huwa mmarka dawk l-iktar urġenti skond l-ammont ta' budget allokat għal din is-sena. Dawn ġew approvati mill-Kunsill.

xi Il-Kunsill ġie nfurmat li l-prezzijiet tal-parts tal-bins huma tant għoljin li mhux vijabbli li jinxtraw peress li fejn hu meħtieġ għatu u barmil l-ammont huwa kważi daqs bin ġdid. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li għalissa l-bins jitħallew kif inhuma u titpoġġa bin liner fihom.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku nfurmat li s-sid tal-gabbana tal-ġelat li jarma x-Xatt reġa’ applika għal-permess tad-dawl temporanju. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li jingħata l-permess mill-Kunsill.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba għal servizz mill-Kunsill minn uffiċċjal tas-Sigurta’ Soċjali ġiet rifjutata.

iii Is-Sindku nfurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jgħaddu l-grant ta’ Euro1,000 in konnesjoni ma’ l-attivita’ Green/Doggy Week fil-jiem li ġejjien.

iv Is-Sindku ppreżentat kwotazzjoni għal tipi differenti ta’ bozza li tixgħel permezz ta’ l-enerġija solari biex titwaħħal bi prova mal-Blokk E3. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li tinxtara dik Westminster (Euro246).

v Il-Kunsill ġie ppreżentat b’informazzjoni dwar korsijiet tal-first aid u ġie approvat li dan jiġi organizzat u għalih jattendu wkoll membri tal-istaff tal-Kunsill.

vi Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni dwar il-konferenza ta’ l-ECAD li se ssir il-Bulgaria. Hija qalet li l-Kunsill diġa’ issieħeb meta saret il-konferenza Għawdex u għalhekk ma tħossx il-bżonn li tattendi.

Hija rreferiet ukoll għall-invoice (5580) dwar il-pagament tas-sħubija liema pagament jinsab imniżżel fl-iskeda tal-pagamenti. Dan ġie approvata unanimament mill-Kunsill.

vii Il-Kunsill approva wkoll ix-xiri tal-ilma tax-xorb mingħand il-Kumpanija Nibe (Euro213).

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

IV KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ressaq diversi lmenti u suġġerimenti biex tittieħed azzjoni dwarhom. Il-lista ta' dawn se tiġi mgħoddija permezz ta' email lis-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni meħtieġa.

Huwa rrefera wkoll għall-protest ġudizzjarju dwar il-konfini u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tikkomunika ma' l-Avukat dwar din il-materja.

ii Il-Kunsillier E. Muscat ukoll ippreżenta lista ta' ilmenti u suġġerimenti.

Huwa rrefera wkoll għax-xogħlijiet tal-bozoz tat-toroq li kellhom isiru fi Triq il-Maskli u Triq E. Galizja u qal li għada ma ttieħdet l-ebda azzjoni mill-Kuntrattur. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tindaga dwar din il-materja.

iii Il-Kunsillier F. Roe ukoll ippreżenta lista ta' ilmenti u suġġerimenti. Huwa qajjem ukoll punt dwar is-servizz il-ġdid tat-trasport pubbliku li se jibda' jopera dalwaqt. Huwa qal li għandu nformazzjoni li fix-Xatt ta' Tas-Sliema, l-Gżira u fi Triq Abate Rigord Ta' Xbiex se jsiru l-bus lanes. Huwa qal li fil-Lokalita' tagħna din tista' teffetwa l-ipparkjar.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u talab li nippruvaw niksbu l-informazzjoni mingħand il-Kumpanija Arriva.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat lista ta' aġġustamenti li jridu jsiru fil-Financial Statements. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat bir-risposta tal-Kunsill ta' Falmouth dwar il-possibilta' ta' ġemellaġġ ma' din il-Lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba mpenji oħra dawn m'aċċettawx il-proposta tal-Kunsill.

VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsillieri. Ġie approvat ukoll il-petty cash.

ii Dwar l-invoice mingħand Panta Ltd (055531) għal bilanċ tal-pagament dovut għall-installazjoni u xogħlijiet in konnesjoni mal-PV's il-Kunsill qabel li din tibqa' pendenti sakemm is-sistema tibda' tiffunzjona.

**Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2011 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv